



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.1.2005  
KUMM(2004) 863 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI**

**Rapport Annwali dwar l-Implimentazzjoni tas-Suq Intern tal-Gass u l-Elettriku**

{SEC(2004) 1720}

## WERREJ

1.	L-ISFOND GĦAL DAN IR-RAPPORT .....	3
2.	SINTEŻI.....	3
3.	EVALWAZZJONI TAL-PROGRESS FIS-SETTUR TA' L-ELETTRIKU.....	5
4.	EVALWAZZJONI TAL-PROGRESS FIS-SETTUR TAL-GASS.....	7
5.	IS-SIGURTÀ TAL-PROVVISTA .....	9
6.	IS-SERVIZZ PUBBLIKU U L-ĦARSIEN TA' L-UTENT/KONSUMATUR.....	9
7.	ASPETTI AMBJENTALI.....	10
8.	KONKLUŻJONIJIET .....	10

## 1. L-ISFOND GĦAL DAN IR-RAPPORT

Id-Direttivi l-ġodda dwar l-elettriku u l-gass<sup>1</sup> kellhom ikunu ġew trasposti mill-Istati Membri sa Lulju 2004 u r-Regolament dwar l-iskambji ta' l-elettriku bejn il-pajjiżi<sup>2</sup> ukoll daħal fis-seħħ. Ir-regoli l-ġodda għandhom l-għan li jinkiseb settur kompetittiv ta' l-elettriku u tal-gass mifruż ma' l-Unjoni Ewropea kollha, kif kien maħsub fl-għanijiet tal-Kunsill ta' Liżbona<sup>3</sup>

Id-Direttiva tobbliga lill-Kummissjoni li toħroġ rapporti regolari dwar il-ħidma tas-suq fuq bażi annwali, u għalhekk dan ir-rapport tnejja b'konsultazzjoni mal-Grupp Ewropew tar-Regolaturi għall-Elettriku u l-Gass (ERGEG) bl-użu sew tat-tagħrif tagħhom kif ukoll ta' l-informazzjoni ppublikata f'għadd ta' sorsi<sup>4</sup>. Aktar tagħrif dettaljat jinsab f'dokument anċillari li ser jinħareġ fl-istess waqt ma' dan ir-Rapport.

## 2. SINTEŻI

Rapport reċenti imħejji għad-DĠ Intrapriża dwar it-tkabbir tal-produttività Ewropa<sup>5</sup> wera l-prestazzjoni eċċellenti tas-settur ta' l-utilitajiet kif jidher fil-qosor fit-Tabella 1 hawn taħt. Dan iservi biex jenfasizza l-importanza tal-kontribut tal-ftuħ tas-swieq lejn it-titjib fl-effiċjenza f'dawn is-setturi u l-kontribut potenzjali mis-settur ta' l-enerġija lejn l-għanijiet ta' Liżbona.

**Tabella 1 Tkabbir fil-Produttività tax-Xogħol: Gass, Elettriku u Ilma**

% fis-sena	1979-1990	1990-95	1995-2001
UE-15	2.7	3.6	5.7
L-Istati Uniti ta' l-Amerika	1.1	1.8	0.1

Madankollu, ħafna aspetti ta' l-implimentazzjoni jibqgħu ta' diżappunt. F'Ottubru 2004, tmintax-il Stat Membru kellhom jintbagħtu ittra bi twissija li kienu għadhom ma nnotifikawx bis-sħiħ lill-Kummissjoni bil-miżuri legali meħuda sabiex jiġu trasposti l-aħħar Direttivi.

Dan id-dewmien m'huwiex sodisfaċenti għaliex issa jidher ċar li d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi preċedenti<sup>6</sup> ma kinux biżżejjed sabiex jinkiseb l-għan tal-kompetizzjoni, ukoll għal utenti akbar. Kliġenti bħal dawn is-soltu jkunu mistennija li jinnegożjaw fuq bażi regolari ma' min jipprovdi s-servizz. Madankollu, wara ħames snin ta' kompetizzjoni għall-elettriku u aktar minn tliet snin għall-gass, inqas minn 50% bidlu minn fornitur għal ieħor fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri. Ukoll, ħafna m'humieq sodisfatti bil-firxa ta' servizzi li qed jiġu offruti.

<sup>1</sup> Direttivi 2003/54 u 2003/55

<sup>2</sup> Regolament 1228/2003

<sup>3</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew 24/3/2000 (Ingliż) Nr: 100/1/00 23-24 ta' Marzu 2000

<sup>4</sup> Pereżempju: "Studju kwalitattiv – konsumaturi Ewropej u servizzi ta' interess ġenerali fl-UE 25 (Diċembru 2003) DG għas-Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur"

<sup>5</sup> Produttività u kompetittività ta' l-UE: Perspettiva ta' l-industrija: Mary O'Mahony u Bart van Ark (ed.) għad-DĠ Intrapriża, Kummissjoni Ewropea 2003

<sup>6</sup> Direttivi 96/92 u 98/30

M'huwiex biżżejjed li jitqies biss l-għadd ta' klijenti li jibdlu l-fornitur, iżda wkoll in-nazzjonalità tal-fornituri l-ġodda. F' ħafna każijiet, il-klijenti rnexxilhom biss jibdlu l-fornitur li kellhom għal ieħor domestiku, bir-riżultat li l-penetrazzjoni tas-swieq nazzjonali minn kumpaniji barranin wkoll huwa diżappuntanti f'ħafna każijiet. Dan jirrifletti n-nuqqas ta' integrazzjoni tas-swieq u punti ta' kuntatt bejn l-infrastutturi. Fil-parti l-kbira tal-każi, il-fornituri barranin għandhom inqas minn 20% tas-sehem mis-suq. L-uniċi eċċezzjonijiet huma dawk is-swieq li huma integrati pjuttost tajjeb ma' Stati Membri ġirien jew dawk fejn il-fornituri ewlenin ġew, fil-fatt, privatizzati u mixtrija minn kumpaniji barranin.

Minkejja li l-prezzijiet ta' l-elettriku huma aktar baxxi milli kienu fl-1995 f'termini reali, żdiedu fl-aħħar 18-il xahar, sa ċertu punt minħabba ż-żieda fil-prezzijiet ta' sorsi primarji ta' l-enerġija. Fl-istess ħin, il-prezzijiet tal-gass huma oġhla milli kienu fl-1995 minħabba r-rabta kontinwa maż-żejt. Minkejja li varjazzjonijiet fil-prezzijiet bħal dawn huma normali, iż-żiediet ma jinżlux tajjeb ma' klijenti meta l-prospetti li jaqilbu minn fornitur għal ieħor jidhru li jkunu llimitati minn xkiel regolatorju, u fejn is-setgħa ta' negozjar tal-klijenti hija dgħajfa minħabba l-istruttura mhix favorevoli tas-suq. Fost l-akbar utenti, jirriżulta t-tħassib partikolari li l-fornituri qegħdin jonqsu milli joffru firxa adegwata ta' strutturi ta' kuntratti, speċjalment arranġamenti fuq medda itwal ta' żmien.

Kwistjoni ewlenija hija marbuta man-nuqqas li **l-provvista nazzjonali ta' l-enerġija tiġi integrata** bis-siħ f'suq Ewropew usa'. F'dan il-kuntest huwa essenzjali li r-regoli dwar l-iskambji ta' l-elettriku bejn il-pajjiżi jkomplu jittejjbu sabiex jiġi żgurat li l-infrastruttura eżistenti tiġi utilizzata kemm jista' jkun. Bl-istess mod għall-gass, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament<sup>7</sup> propost huma importanti wkoll. Investiment ġdid fl-infrastruttura huwa wkoll meħtieġ, u l-progress f'dan ir-rigward jibqa' kajman, kif ġie osservat fost l-oħrajn fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Infrastruttura ta' l-Enerġija u s-Sigurtà tal-Provvista<sup>8</sup>.

It-tieninett, Stati Membri għadhom jonqsu milli jindirizzaw il-kwistjoni ta' **l-istruttura tas-suq**. Kif intwera biċ-ċar f'rapporti preċedenti, is-swieq tal-gass u l-elettriku f'għadd kbir wisq ta' Stati Membri huma ddominati minn kumpanija waħda jew tnejn, u ħafna drabi l-kapaċità għall-kompetizzjoni minn barra m'hijiex biżżejjed. Huwa imperattiv li jinstabu soluzzjonijiet għal problemi bħal dawn.

It-tieletnett, minkejja li diġà sar ħafna progress fir-rigward tas-**separazzjoni ta' operaturi tan-netwerks u l-introduzzjoni ta' l-aċċess regolat ta' partijiet terzi**, ċerti aspetti jibqgħu ma jilħqux l-istennijiet. Operatur kompletament indipendenti li jieħu ħsieb is-sistemi ta' trażmissjoni huwa kruċjali għal suq li jaħdem sewwa. Bl-istess mod, operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni għandhom ikunu separati biżżejjed minn kumpaniji ta' provvista sabiex ikunu żgurati tariffi li jirriflettu kemm iqum tassew is-servizz u t-tneħħija ta' kull sussidju minn oqsma oħra. L-indipendenza tar-regolaturi hija kruċjali f'dan ir-rigward sabiex aċċess ġust għan-netwerks ikun żgurat f'termini ta' livelli ta' tariffi u struttura. F' dan ir-rigward is-settur tal-gass għadu lura ferm meta mqabbel ma' dak ta' l-elettriku.

---

<sup>7</sup> COM (2003) 741

<sup>8</sup> COM (2003) 743

Grupp ta' kwistjonijiet finali li jistgħu jkunu ta' xkiel għas-suq intern huma l-eżistenza sallum ta' **prezzijiet regolati għall-utenti aħħarija ta' l-elettriku u tal-gass**, flimkien mas-suq kompetittiv u arranġamenti fil-medda t-twila għax-xiri tas-servizzi ta' l-enerġija (PPAs). Minkejja li kontrolli bħal dawn huma miżura ta' tranżizzjoni li tiswa ħafna matul il-fażi tal-bidu tal-ftuħ tas-swieq, hemm ir-riskju li approċċ bħal dan jista' jxekkel il-kompetizzjoni, inaqas l-investment u jikkonfondi u jikkontradixxi miżuri ta' separazzjoni.

### 3. EVALWAZZJONI TAL-PROGRESS FIS-SETTUR TA' L-ELETTRIKU

#### 3.1 Ħarsa fil-qosor

Minkejja li ħafna mill-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-kompetizzjoni ttieħdu, jew huma fil-proċess li jittieħdu, ix-xkiel imsemmi fit-Tieni Taqsima jidher f'ħafna mis-swieq ta' l-elettriku ta' l-Ewropa kif jidher fil-qosor fit-tabella hawn taħt.

**Tabella 2 Ix-xkiel ewlieni għall-kompetizzjoni<sup>9</sup> fil-qosor**

		Bdil tal-fornituri: Utenti kbar
a. L-ebda kwistjoni kbira	SE, FI, DK, NO, UK,	>50%
b. Separazzjoni \ Regolament	LU, AT, DE	minn 10% (LU) sa 35% (DE)
c. Struttura tas-Suq jew Nuqqas ta' Integrazzjoni	FR, BE, GR, IE, ES, NL, LT, IT, SI, CZ, SK, LV	minn 0% (GR) sa 35% (NL)
d. PPAs fit-tul \ prezzijiet regolati għall-utenti aħħarija	PT, EE, PL, HU,	minn 0% (EE) sa 25% (HU)

Flimkien ma' dan, fl-Istati gżejjer ta' Malta u Ċipru ma tantx hemm lok għall-iżvilupp tal-kompetizzjoni għall-provvista ta' l-elettriku.

#### 3.2 Regolazzjoni u Separazzjoni Effettiva

Fornituri ġodda ikunu jistgħu jidħlu fis-suq biss jekk ikollhom aċċess ġust għan-netwerks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni. Operatur indipendenti tas-sistemi ta' trażmissjoni huwa ingredjent essenzjali għal suq ta' l-elettriku li jaħdem sewwa. Sussidji minn setturi oħra għandhom jitneħħew u aċċess imsejjes fuq prezzijiet regolati ppublikati li jirriflettu n-nefqa operattiva ta' l-impriża-netwerk in kwistjoni. Tariffi tan-netwerk issa jistgħu jitqabblu mhux ħażin fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri, u huwa mistenni li r-regolaturi jsegwu mill-qrib lil dawk li jiddevjaw mill-firxa normali.

<sup>9</sup> F'din it-tabella, l-aktar xkiel importanti għal kull Stat Membru huwa identifikat. Madankollu ma jfissirx li ma jeżistux ostakoli oħra.

### 3.3 *Struttura tas-Suq u Integrazzjoni*

L-istruttura tas-suq hija problema kbira f'ħafna partijiet tas-suq ta' l-elettriku ta' l-UE, u jidher ċar li kienu biss dawk ir-reġjuni fejn hemm biżżejjed fornituri, jiġifieri r-Renju Unit u s-suq Nordiku, li mnexxielhom iwasslu suq tassew kompetittiv għad-diversi kategoriji ta' utenti. Barra minn hekk, ħafna mis-swieq tal-produzzjoni ta' l-elettriku fi Stati Membri ġodda huma kkaratterizzati mit-tkomplija ta' atti ta' ftehim fit-tul dwar ix-xiri ta' l-enerġija. Dan ifisser li l-kompetizzjoni m'hijiex daqshekk mifruxa daqs kemm jidher fl-analiżi ta' l-ishma tas-suq.

Fl-aħħar mill-aħħar, għan ewlieni huwa l-iżvilupp ta' suq likwidu tal-bejgħ bl-ingrossa. Dan se jippermetti lill-parteċipanti fis suq, inklużi atturi ġodda potenzjali, li jixtru u jbiegħu l-elettriku liberament sabiex ikunu jistgħu iqabblu l-portafolli tal-ġenerazzjoni u tal-provvista tagħhom. Madankollu, l-iskambji ta' l-enerġija fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri għadhom m'humiex likwidi biżżejjed f'dan ir-rigward. Hemm ukoll livell baxx wisq ta' trasparenza fir-rigward tal-formazzjoni tal-prezzijiet f'ħafna swieq tal-bejgħ bl-ingrossa.

Naturalment, l-interkonnesjonijiet bejn l-Istati Membri, jipprovdu potenzjal sinjifikanti għaż-żieda fil-livell ta' kompetizzjoni. Madankollu, l-iżviluppi f'dan ir-rigward kienu varji. Ċerti gruppi ta' Stati Membri, bħalma huma l-pajjiżi Nordiċi, dawk fuq il-peniżola Iberika u fuq il-gżira ta' l-Irlanda, urew li m'huiwix impossibbli li l-proġetti jiġu rrealizzati jekk ikun hemm impenn politiku b'saħħtu biżżejjed. Titjib aktar ġenerali għandu jirriżulta mill-implimentazzjoni tar-Regolament 1228/03 marbut mat-trażmissjoni ta' l-elettriku minn pajjiż għal ieħor. Il-koordinament ta' l-allokkazzjoni tal-kapaċità minn fruntiera għall-oħra permezz ta', pereżempju, l-ideat ta' "l-akkoppjament tas-swieq", li ġew suġġeriti mill-parteċipanti tal-Forum ta' Firenze ser iżidu l-likwidità u jgħinu d-dħul ta' atturi ġodda fis-swieq nazzjonali.

### 3.4 *Żviluppi tal-prezzijiet*

Bl-eċċezzjoni ta' l-Italja, fl-2004 kien hemm konverġenza tal-prezzijiet bl-ingrossa lejn il-livell ta' madwar €30/MWh, kemm fi swieq bilaterali, kif ukoll fl-iskambji standardizzati ta' l-enerġija. Madankollu, swieq bil-quddiem juru li l-prezzijiet x'aktarx jiżdienu, u l-*base-load*<sup>10</sup> għall-2005 teċċedi sewwa t-€30/MWh. Sa ċertu punt, dan jirrappreżenta reazzjoni għall-prezzijiet oġhla tas-sorsi primarji ta' l-enerġija fuq is-swieq dinjija.

Il-prezzijiet għall-utenti aħħarija, li jinkludu wkoll l-infiq marbut man-netwerk u marġni għall-provvista bl-imnut, ma qorbux lejn xulxin. Hemm firxa wiesgħa ta' livelli ta' prezzijiet għall-klijenti aħħarija fl-Istati Membri differenti. Il-prezzijiet ta' l-elettriku għal utenti kbar ivarjaw minn inqas minn €40/MWh fil-Latvja sa kważi €80/MWh fl-Italja. Bl-istess mod, il-prezzijiet għall-klijenti żgħar u għad-djar privati ivarjaw minn anqas minn €60/MWh sa 'l fuq minn €120/MWh.

### 3.5 *Konklużjonijiet*

Kienu ħafna l-kisbiet li saru mill-introduzzjoni tal-kompetizzjoni 'l hawn, inkluż l-istabbiliment tal-prinċipji ta' aċċess regolat għal partijiet terzi, is-separazzjoni tan-netwerks u livell ta' integrazzjoni tas-swieq nazzjonali fraggruppamenti akbar. Madankollu, kif ġie identifikat f'ħafna rapporti preċedenti tal-Kummissjoni, il-kwistjoni tal-konċentrazzjoni hija bħalissa l-aktar ostaklu importanti għall-iżvilupp ta' kompetizzjoni aktar b'saħħitha. Filwaqt

---

<sup>10</sup> Il-*baseload* tfisser it-twassil ta' ammont kostanti matul 24 siegħa

li dan jibqa' jgħodd, il-konsumaturi jistgħu jutilfu l-kunfidenza fis-suq u jitolbu regolazzjoni aktar stretta. F'dan ir-rigward, id-deċiżjoni reċenti tal-Kummissjoni li tipprojbixxi l-akkwist ta' GDP min-naħa ta' EDP u ENI<sup>11</sup>, tirrifletti preċedent importanti dwar il-mod li bih il-Kummissjoni biħsiebha tittratta r-ristrutturar possibbli ta' l-industrija.

L-indipendenza ta' l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u ż-żieda fil-livell ta' interkonnnettività disponibbli huma essenzjali għal aktar żvilupp tas-swieq ta' l-elettriku. Mingħajr investimenti bħal dawn, il-kontestabilità tas-suq se tibqa' ristretta u l-kumpaniji stabbiliti ser iżommu parti kbira mill-vantaġġi li diġà għandhom.

Użu akbar tal-politika dwar il-kompetizzjoni fuq livell nazzjonali, flimkien ma' trasparenza ogħla fl-imġieba tal-parteċipanti fi swieq tal-bejgħ bl-ingrossa, jistgħu wkoll jagħtu l-frott, u l-kooperazzjoni bejn regolaturi nazzjonali, awtoritajiet tal-kompetizzjoni u l-Kummissjoni Ewropea wkoll għandha l-potenzjali li twassal għal titjib sinjifikanti.

## 4 EVALWAZZJONI TAL-PROGRESS FIS-SETTUR TAL-GASS

### 4.1 *Ħarsa fil-Qosor*

Il-ħolqien tas-suq intern tal-gass jeħtieġ aktar integrazzjoni u l-isforzi sabiex il-provvista tkun diversifikata għandhom jiġu intensifikati għal dan il-għan. Huwa ċar li dawk l-Istati Membri li m'humiex integrati sewwa mal-ġirien tagħhom u li għandhom disponibbiltà limitata ta' sorsi esterni kellhom aktar diffikultà fl-iżvilupp tal-kompetizzjoni.

B'kuntrast ma' dan, dawk li għandhom numru ta' sorsi differenti disponibbli, u li implimentaw ukoll ir-rilaxx tal-kapaċità jidhru li sejrjn ferm aħjar. Flimkien mar-Renju Unit, li għandu struttura kompetittiva matura; u ma' l-Irlanda, fejn l-utenti l-kbar kellhom il-libertà ta' l-għażla għal ħafna snin, l-aħjar prestazzjoni tidher fis-swieq li jinsabu qrib ta' firxa varjata ta' riżorsi, bħalma huma l-Belġju, id-Danimarka u l-Olanda. L-Italja u Spanja wkoll għamlu progress sinjifikanti fl-aħħar sena. Fl-Istati Membri kollha msemmija hawn fuq, huwa stmat li għall-inqas 30% ta' l-utenti l-kbar bidlu minn fornitur għal ieħor. Mill-bqija, Franza biss qiegħda toqrob lejn livell ta' żvilupp bħal dan, partikolarment fir-reġjuni tat-Tramuntana tagħha. Il-progress fil-Ġermanja u l-Awstrija għadu ta' diżappunt kbir, filwaqt li l-Istati Membri l-ġodda għandhom numru ta' kwistjonijiet pendenti li x'aktarx ser ixekklu l-ħidma tal-kompetizzjoni.

### 4.2 *Regolazzjoni u Separazzjoni Effettiva*

Għall-gass, l-aċċess għal netwerks jeħtieġ mhux biss prezzijiet ta' l-aċċess li jirriflettu l-ispejjeż, iżda wkoll kundizzjonijiet flessibbli li jippermettu d-dħul ta' operaturi ġodda fis-suq. B'mod ġenerali, sistema ta' dħul-ħruġ kemm għat-tariffi kif ukoll għar-riżervar tal-kapaċità fuq in-netwerk ta' trażmissjoni, aktar twassal għall-iżvilupp ta' suq kompetittiv, u l-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri mexjin f'din id-direzzjoni. Madankollu, f'ċerti każi, proċeduri inflessibbli mingħajr mekkaniżmi adegwati ta' l-annullament awtomatiku f'każ ta' nuqqas ta' użu ("*use it or lose it*") għandhom ta' xkiel għal operaturi ġodda fis-suq. Tariffi għolja, partikolarment għall-użu ta' netwerks ta' distribuzzjoni bi pressjoni baxxa, ukoll jibqgħu jikkawżaw il-problemi.

---

<sup>11</sup> Sqarrija għall-istampa IP/04/1455, tad-9 ta' Diċembru 2004

Reġimi ta' bilanċ u ħażna huma wkoll kwistjonijiet sensittivi meta wieħed jiġi għall-ftuħ effettiv tas-suq. Ħafna reġimi jibqgħu x'aktarx inċerti, partikolarment fl-Istati Membri l-ġodda. In-nuqqas, sal-ġurnata tal-lum, li jintlaħaq qbil dwar proċeduri minimi standard għall-aċċess għall-ħażna fil-Forum ta' Madrid ta' dan l-aħħar, huwa għalhekk ta' dispjaciir kbir.

#### 4.3 *Struttura tas-Suq u Integrazzjoni*

Problema ewlenija fuq livell nazzjonali hija li ħafna drabi hemm biss kumpanija waħda li twassal il-gass fis-suq. Dan għandu impatt importanti fuq il-potenzjal għall-kompetizzjoni fuq livell ta' provvista. Ukoll jekk hemm aktar minn fornitur wieħed, il-kompetizzjoni bejniethom tista' ma tagħtix frott jekk kollha kemm huma jixtru mingħand l-istess bejjiegħ bl-ingrossa.

M'għandniex xi ngħidu, jekk jista' jinħoloq suq Ewropew usa' għall-gass naturali, dan it-tfassib jista' jitnaqqas. Żvilupp aktar fil-fond tas-suq intern baqa', madankollu, ristrett mill-eżistenza kontinwa ta' riżervazzjonijiet fit-tul tal-kapaċità ta' trażmissjoni. In-nuqqas ta' koerenza bejn l-istrutturi tariffarji ta' operaturi individwali ta' sistemi ta' trażmissjoni wassal ukoll għan-nuqqas ta' kompetizzjoni f'ċerti żoni. Sabiex il-gass jiġi ttrasportat minn Zeebrugge lejn, pereżempju, Budapest, ikun meħtieġ l-użu ta' għallinqas ħames networks differenti u l-kumplessità tal-kalkolu tat-tariffa tkun ta' diżinċentiv sinjifikanti għal kwalunkwe utent tan-network.

#### 4.4 *Prezzijiet*

Il-prezzijiet tal-gass jibqgħu taħt l-inflwenza qawwija tal-prezzijiet internazzjonali taż-żejt, ħafna drabi inkluż fil-kuntratti bejn l-importaturi tal-gass u l-pajjiżi li jipproduċuh. Iż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt matul l-2004 għalhekk waslet biex tinfluwenza s-suq tal-gass u l-gass naturali mibjugħ bl-ingrossa żdied minn madwar €10/MWh għal madwar €12/MWh sa tard fl-2004.

Minkejja li l-prezzijiet għall-bejgħ bl-ingrossa tal-gass huma simili fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri, l-aħħar informazzjoni fuq il-livell ta' bejgħ bl-imnut, ippublikata mill-Eurostat, għadha turi diverġenza konsiderevoli li tvarja minn €10/MWh sa €25/MWh għal utenti kbar u minn €15/MWh sa €40/MWh għal djar privati.

#### 4.5 *Konklużjoni*

Is-swieq tal-gass jibqgħu suġġetti għal riġiditajiet sinjifikanti f'ħafna każi, x'aktarx b'riżultat li għad hemm nuqqas ta' integrazzjoni bejn is-swieq nazzjonali. Mingħajr kompetizzjoni minn pajjiżi oħra, l-operaturi stabbiliti jistgħu faċilment jipproteġu l-pożizzjoni tagħhom. Ukoll, reġimi ta' bilanċjar u ta' ħażna li ffit li xejn huma f'lokhom, kif ukoll tariffi għolja ta' distribuzzjoni iwasslu għal diffikultajiet fil-bdil minn fornitur għaliegħor f'diversi pajjiżi.



## 5 IS-SIGURTÀ TAL-PROVVISTA

### Elettriku

Ġeneralment, il-qagħda rigward l-adeqwatezza tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea hija sodisfaċenti. Minkejja li fl-2003 irriżultaw xi diffikultajiet, il-qagħda ta' l-Italja u Spanja issa tjiebet ferm hekk kif kapaċità ġdida żdiedet mas-sistemi eżistenti. Madankollu, il-pajjiżi Nordiċi għadhom f'qagħda relattivament iebsa<sup>12</sup>.

Miżuri speċjali jeżistu f'numru ta' każi sabiex jinkoraġġixxu l-investiment fil-kapaċità tal-ġenerazzjoni. Ħafna Stati Membri għandhom xi forma ta' ħlasijiet espliċiti għall-kapaċità filwaqt li n-Norveġja u l-Iżvezja ukoll għandhom forma ta' skema ta' għażla tal-kapaċità. Oħrajn għandhom xi forma ta' appoġġ tal-kapaċità fil-konfigurazzjoni ta' l-ibbilanċjar tas-swieq jew fil-ksib tal-kapaċità ta' riżerva mit-TSO. Fl-aħħar, ċerti Stati Membri wżaw il-possibilità ta' proċess ta' *tender*.

L-iżvilupp ta' l-interkonnnettività huwa wkoll meħtieġ f'numru ta' każijiet sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni disponibbli u sabiex jitnaqqas il-piż żejjed fuq is-sistema li jirriżulta mill-konġestjoni f'ċerti punti dgħajfa. L-Unjoni Ewropea għadha xi ftit lura milli tilħaq l-għan stabbilit mill-Kunsill Ewropew f' Barċellona li l-interkonnnessjonijiet bejn il-pajjiżi għandhom jirrappreżentaw għall-inqas 10% tal-kapaċità ta' produzzjoni f'kull Stat Membru sa l-2005. Huwa għal din ir-raġuni li l-Kummissjoni pproponiet fl-abbozz tad-Direttiva dwar is-Sigurtà tal-Provvista u l-Infrastruttura ta' l-Elettriku, li l-livell ta' koordinament għandu jiżdied u r-rwol tar-regolaturi nazzjonali għandu jittejjeb fir-rigward tal-kwistjoni ta' l-interkonnnessjonijiet.

### Il-Gass

Għalissa, il-kapaċità ta' importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea tidher li hija aktar minn biżżejjed sabiex tlaħħaq mad-domanda. Sakemm il-kapaċità hija disponibbli hemm diġà inċentivi qawwija għall-pajjiżi li jipproduċu u għall-fornituri ta' l-UE sabiex jikkonkludu kuntratti ħalli jlaħħqu mad-domanda dejjem tikber għall-gass. Fil-preżent, għalhekk, f'it hemm miżuri speċifiċi ħafna li qed jiġu implimentati f'dan il-qasam fuq livell ġenerali. Fil-medda tan-nofs, għadd ta' proġetti, partikolarment għal *terminals* LNG jew għadhom ma tlestewx jew inkella għadhom qed jiġu kkunsidrati. Huwa mistenni li investimenti bħal dawn se jrin isiru mingħajr miżuri speċifiċi ta' appoġġ.

## 6 IS-SERVIZZ PUBBLIKU U L-ĦARSIEN TA' L-UTENT/KONSUMATUR

Sa Lulju 2007, il-klijenti kollha ser isiru klijenti eliġibbli li għandhom il-possibilità li jagħżlu l-aktar fornituri attraenti ta' l-elettriku u l-gass. F' dan il-kuntest, huwa importanti li l-ftuħ tas-suq jipprovdi lill-klijenti l-istess livell ta' kredibilità fir-rigward tal-provvista ta' l-elettriku u l-gass u għall-inqas l-istess livell ta' trasparenza u komprensibilità dwar il-modalità tat-tariffi fir-rigward ta' dan is-servizz, kemm jekk għażlu li jibdlu minn fornitur għal ieħor u kemm jekk le. B'mod simili, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar l-ittikkettar tas-sorsi

---

<sup>12</sup> Fuq il-bażi ta' tagħrif maħruġ minn operatori ta' sistemi ta' trażmissjoni. Pereżempju Tbassir dwar l-Adegwatezza tas-Sistemi 2004—2010, UCTE, Diċembru 2003; Ħarsa lura lejn l-Adegwatezza tas-Sistemi 2003, UCTE, Ġunju 2004

ta' l-enerġija, l-Istati Membri se jeħtiġilhom jiżguraw l-implimentazzjoni bla skossi ta' din il-kundizzjoni sabiex il-klijenti jkunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata.

Ċerti djar privati u impriżi żgħar esprimew il-fehma li għażla infurmata tal-konsumaturi ħafna drabi m'hix possibbli għaliex it-tqabbil tal-prezzijiet jew m'huwiex disponibbli jew inkella ma jiftiehemx faċilment. It-titjib f'dan ir-rigward huwa meħtieġ u l-industrija u r-regolaturi għandhom jiżguraw li informazzjoni valida dwar il-prezzijiet u s-servizzi hija disponibbli b'mod oġġettiv u trasparenti.

Minbarra li tiżgura li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet tad-Direttivi msemmija hawn fuq, il-kwestjoni ewlenija l-oħra għall-Kummissjoni hija dik li tiegħu ħsieb li l-obbligi tas-servizzi pubbliċi ma jwasslux għal tgħawwiġ fis-suq, u li jippermettu l-aċċess ugwali tal-fornituri għall-klijenti. F' dan ir-rigward, diġà ġie nnutat l-effett possibbli ta' tgħawwiġ li jista' jkollhom il-prezzijiet aħħarija rregolati.

## **7 ASPETTI AMBJENTALI**

Is-suq intern ta' l-enerġija jeħtieġ li jiżviluppa b'mod konsistenti ma' l-għanijiet ta' sostenibbiltà tal-Komunità. Dan ifisser li l-inċentivi meħtieġa għall-appoġġ tad-dħul fis-suq ta' l-enerġija rinnovabbli, it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-ġestjoni tad-domanda għandhom jibqgħu jinżammu. Il-liberalizzazzjoni toffri wkoll l-opportunità għal operaturi ġodda innovativi sabiex dawn jidħlu fis-suq u jippermettu strateġiji ta' differenzjazzjoni tas-suq, pereżempju fuq il-bażi ta' karatteristiċi ambjentali.

It-tagħrif provdut mill-awtoritajiet fl-Istati Membri juri li politika bħal din tkompli tagħti l-frott. Aktar minn 7000MW addizzjonali ta' enerġija rinnovabbli u kapaċità ta' ġenerazzjoni effiċjenti CHP żdiedet mal-portafolli tal-kumpaniji matul l-2003, li l-biċċa l-kbira minnhom kienu fil-Ġermanja u Spanja. Dan irrappreżenta ferm aktar minn 50% tal-kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni miżjuda fl-2003. Il-prospett għal aktar żvilupp huwa sinjifikanti bid-dehra fis-suq ta' teknoloġiji ġodda, bħalma hija l-mikro-koġenerazzjoni. Ħafna Stati Membri jkomplu wkoll isegwu approċċ attiv lejn il-ġestjoni tad-domanda permezz ta' inċentivi fiskali.

## **8 KONKLUŻJONIJIET**

L-Ewropa hija fil-proċess li toħloq komunità wiesgħa ta' l-enerġija, bbażata fuq regoli u prassi komuni, li tmur lil hinn sew mill-fruntieri ta' l-Unjoni. L-Istati Membri għandhom iżommu l-impenn tagħhom lejn dan il-għan fid-deċiżjonijiet li jieħdu rigward l-implimentazzjoni tad-Direttivi u r-ristrutturar ta' l-industrija. Huwa biss b'hekk li l-għan ta' suq kompetittiv u żgur jista' jinkiseb.

Fid-dawl ta' dan, il-kwistjoni ta' l-investment fl-infrastruttura u l-operat b'saħħtu tan-netwerks, b'appoġġ għas-suq kompetittiv, tibqa' waħda kritika. Minkejja li numru ta' kwistjonijiet minn dawn ġew indirizzati, it-tħassib li ntwera fil-Komunikazzjonijiet preċedenti u d-Direttiva proposta dwar l-Infrastruttura u s-Sigurtà tal-Provvista jibqgħu rilevanti, u xi forma ta' progress huwa meħtieġ f' dan ir-rigward.

Ir-rwol ta' regolaturi indipendenti jibqa' element kruċjali fl-introduzzjoni tal-kompetizzjoni u d-deċiżjonijiet tagħhom fir-rigward tat-tariffi tan-netwerks u r-regoli importanti oħra tas-suq jibqgħu jinfluwenzaw l-iżvilupp tas-suq. F' dan il-kuntest huwa importanti li jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikollhom biżżejjed riżorsi u kompetenzi.

Wieħed għad irid jara jekk it-titijib li sar taħt din id-Direttiva huwiex biżżejjed jew le sabiex jintlaħqu l-għanijiet tas-suq intern, speċjalment jekk Stati Membri jieħdu approċċ minimalista lejn it-traspożizzjoni tal-leġislazzjoni kurrenti. Ħaġa waħda li hija ċerta hija li fl-ambjent globali ġdid ta' prezzijiet oġhla ta' l-enerġija primarja, huwa aktar importanti minn qatt qabel għall-Komunità li tirrispetta l-impenn tagħha lejn suq kompetittiv.